MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 703/2004

**Atlas Insurance Limited (C5601)**
**f'isimha propju u kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurati taghha FGL Information Technology Limited, Fortune Technologies Limited u A.G. Packing Systems Limited abbazi tal-poloz ta' assigurazzjoni u tal-ligi**

**vs**

**Schembri Bros (Burdnara) Ltd. (C 19018)**

**Il-Qorti ,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fit-22 ta' Dicembru, 2004 fejn talbu lil din il-Qorti ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' tlett elef, mitejn u disgha u disghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm3,299.60) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn dina l-Qorti, rapprezentanti nuqqasijiet fil-merkanzija appartenenti lilll-assigurati tas-socjeta' attrici u spejjez tas-

surveys relattivi, waqt illi dawn kienu fil-kura w il-kustodja tas-socjeta' konvenuta, li kienet inkarigata biex iggorr il-merkanzija relattiva, liema danni diga' thallsu mis-socjeta' attrici ai termini tal-poloz relattivi, inkwantu ghal elfejn, sitt mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm2,665.00) lil FGL Information Technology Limited, oltre hamsin lira Maltin (Lm50) spejjez tas-survey relattiv, mija u hamsa u erbghin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm145.20) lil Fortune Technologies Limited, u tliet mija u disgha u tmenin ira Maltin u erbghin centezmu (Lm389.40) lil A.G. Packaging Systems Limited, oltre ghal hamsin lira Maltin (Lm50) spejjez tas-survey relattiv.

Bl-imghax mid-9 ta' Gunju, 2004 u bl-ispejjez, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi l-incident illi fih gew sofferti n-nuqqasijiet fil-merkanzija sehh minghajr ebda htija, negligenza, traskuragni jew imperizja da parti tas-socjeta' eccipjenti jew il-persuni minnha nkarigati, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici.
2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, jezisti bejn is-socjeta' eccipjenti u kull wiehed mill-assigurati tas-socjeta' attrici, kuntratt illi jikkontjeni *package limitation clause* illi ghandha f'kull kaz tapplika bejn il-partijiet, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
3. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa wkoll eccessiv in kwantu l-istess socjeta' attrici qed tirreklama mitt lira Maltin (Lm100.00) ghal *survey report s* illi effettivament jirrizulta illi huma biss ripetizzjoni ta' l-informazzjoni moghtija lis-socjeta' attrici mill-assigurati taghha u/jew mir-rapport tal-Pulzija, u ghalhekk certament illi s-socjeta' eccipjenti ma ghandhiex tigi kkundannata illi thallas dan l-ammont.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghal risarciment ta' danni wara telf ta' merkanzija fil-pussess tas-socjeta' konvenuta waqt li kienet qed taghmel konsenja lil FGL Information Technology Limited, Fortune Technologies Limited u lil A.G. Packaging Systems Limited.

Ikkunsidrat:

Illi fit-13 ta' Frar, 2004 is-socjeta' konvenuta kienet imqabbda mis-socjetajiet attrici sabiex tigbor merkanzija, tahdem id-dokumenti u tikkunsinna l-merkanzija fl-imhazen taghhom fil-Forestals, tas-Sliema. Il-merkanzija giet mghobbija f'zewg vannijiet tas-socjeta' konvenuta, wahda minnhom Citroen bin-numru tar-registrazzjoni GHQ 031.

Meta l-merkanzija kienet qed tinhatt, quddiem l-istabbiliment Forestals, persuna mhux maghrufa dahal fil-van u saqu bil-merkanzija b'kollox. Mhuwiex kontestat bejn il-partijiet illi l-van thalla pparkjat bic-cavetta fil-post.

Filwaqt li s-socjetajiet attrici qeghdin jghidu illi s-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghal din it-telfa ghax kien hemm element ta' traskuragni meta halliet il-van ipparkjat bic-cavetta fil-post, is-socjeta' konvenuta qeda tghid illi hija mhijiex responsabbli u hadet il-mizuri kollha necessarji sabiex is-serqa ma ssirx.

Ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta Victor Schembri, qal illi dakinhar kien qieghed isuq il-van bin-numru tar-registrazzjoni GHQ 031, ghabba l-merkanzija mill-airport, hadem id-dokumenti u wasal quddiem l-istabbiliment tal-Forestals tas-Sliema. Hattew l-ewwel van, resquh, poggew it-tieni van floku u hekk kif dar biex jiftah il-bieba ta' wara, persuna mhux maghrufa dahlet fil-van u saqet

b'kollox. Minkejja illi huwa pprova jigri warajh, ma lehqux, dahlu fil-van l-iehor biex iseqwuh, izda tilfuh fit-traffiku.

Skond dan ix-xhud, il-merkanzija kienet ghadha kollha fil-van u l-bieba ta' wara ma kinitx ghadha nfethet. Is-serqa saret hekk kif huwa niezel mill-van u dar wara sabiex jiftah il-bieba,

Il-Qorti tirrleva li din ix-xhieda tvarja xi ftit minn dik moghtija lis-Surgent li nvestiga l-kaz dakinhar stess. Fil-fatt, skond ir-rapport tal-Pulzija, Schembri kien qal, " … whilst he was with two of his workers … unloading computer items from van number GHQ 031 … " Quindi, l-van kien diga miftuh u l-merkanzija kienet bdiet tinhatt hekk kif saret is-serqa. Minn hawn jirrizulta illi kien ghadda certa ammont ta' hin bejn l-ipparkjar tal-vettura u s-serqa taghha, f'liema zmien il-van kien miftuh u c-cwievet fl-*ignition* . Irraport ikompli jghid, "Complainant stated that the van was open and the keys in the *ignition* … " terga u tghid ma kienx Victor Schembri illi gera wara l-van, izda wiehed mill-impjegati tieghu, "Antoine Borg who saw this, ran after him and lost him near the Square Deal in Sliema."

Ghalhekk, il-Qorti hija sodisfatta li l-vera xenarju kien, illi wara li l-vettura msemmija giet ipparkjata quddiem l-istabbilimenti tal-Forestals, Victor Schembri halla c-cwievet fil-post u l-van miftuh. Beda jsir il-hatt tal-merkanzija u xi ftit tal-hin wara saret is-serqa, billi dak li kien fetah il-bieba tal-van u saq il-vettura. Ma kinitx haga daqshekk immedjata kif ipprova jpingi Victor Schembri u ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li hemm element ta' traskuragni minn naha tas-socjeta' konvenuta meta din fdat izzejjed u halliet il-van miftuh bic-cwievet fl-*ignition* .

Ta' dan it-traskuragni, ha vantagg persuna mhux maghrufa b'serqa ta' opportunita' illi saret ghad-dannu tas-socjetajiet attrici. Is-socjeta' konvenuta ma tilfet xejn peress illi l-van instab ftit taz-zmien wara minghajr hsara ta' xejn.

Fit-tielet eccezzjoni taghha, s-socjeta' konvenuta oggezzjonat ghal mitt lira Maltin (Lm100) ghas-*survey reports* illi rrizultala huma biss ripetizzjoni ta' informazzjoni moghtija lis-socjeta' attrici mill-assigurati taghha.

Dan l-ilment jidher li hu gustifikat. Is-socjeta' attrici ghandha dritt tithallas ghas-*survey*, pero' meta jsir aktar minn wiehed bit-tieni ripetizzjoni ta' l-ewwel, il-hlas doppju ma jkunx opportun u l-Qorti jidhrilha li c-cifra ta' hamsin lira Maltin (Lm50) hi adekwata biex tikkawtela d-dritt ghas-*survey report*.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi l-atturi nrexxilhom jippruvaw il-kaz taghhom fi grad li trid il-ligi u t-talba taghhom timmerita konferma salv dak li nghad dwar is-*survey report*.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas is-somma komplessiva ta' tlett elef, mitejn u disgha u erbghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm3,249.60), rapprezentanti nuqqasijiet fil-merkanzija appartenenti lilll-assigurati tas-socjeta' attrici u spejjez tas-*surveys* relattivi, waqt illi dawn kienu fil-kura u l-kustodja tas-socjeta' konvenuta, li kienet inkarigata biex iggorr il-merkanzija relattiva lis-socjetajiet indikati fl-Avviz.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz ghas-smiegh kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------